# RADJU MARIJA

102.3FM/107.8FM

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni
Radju Marija (Malta)
Nru 102 - VO/1584
April - Ġunju 2023



# Ma waqgħetx id-dinja !....

## *Programmi-Rebbiegħa 2023*

Skeda Ġdida Paġna 6-7

# Ma waqgħetx id-dinja !...

## ... jew waqgħet?!



"Kif dejjem b'xi ħaġa! Dejjem jara x'jinqala'!" Alva! Dan id-diskors li ngħidu jolqotna meta naraw l-aħbarijiet, għax ikun fuq ħaddieħor u jolqotna wisq aktar meta jkun personali u jolqotna direttament.

Però jista' jolqtok ukoll f'ruħek... dan id-diskors tista' tgħidu jew b'rabja jew b'fidi u rassenjazzjoni u tista' tkun ukoll kuraġġuż u tkun lest li tilqa' r-rieda t' Alla. Dan id-diskors ma jifridx biss lil dawk li jemmnu minn dawk li ma jemmnux iżda jikxef lil dawk li jemmnu u jieħdu l-problemi tal-ħajja skont fejn ikunu waslu fil-mixja tagħhom tal-fidi.

Għadd ta' semmiegħa jirrakkuntawlna kif Radju Marija l-ewwel missilhom ħajjithom, imbagħad missilhom il-mod ta' kif iħarsu lejn il-ħajja u fl-aħħar wassal għall-bidla f'qalbhom u fil-mod kif iħobbu verament lil Alla, lill-proxxmu u saħansitra lil dawk li ma jħobbuhomx.

"Mela...x'se jinqala' issa?" Din l-espressjoni tibqa' tingħad imma grazzi għall-ħajja ta' talb u tagħlim li joffri dan l-istazzjon, ħafna llum m'għadhomx jieħdu qatgħa imma jintelqu f'idejn Alla, ma jirribellawx iktar imma jfittxu dak li Alla jixtieq jgħidilhom. Oħrajn qalulna li m'għadhomx iġibuha daqshekk bi kbira anke jekk tkun ħaġa kbira. F'kelma waħda... ma waqgħetx id-dinja, anzi kważi kważi tista' taqa' għax Radju Marija għallimhom iħarsu lejn is-Sema.
Dan hu Radju Marija u xejn iktar ħlief hekk.  O Verġni Mbierka ibqa' magħna fl-inkwiet tagħna biex nagħmlu kuraġġ u nimxu bla ma naqtgħu qalbna.

Tiegħek f'Ġesù u Marija

Fr Antoine Borg
*Direttur Radju Marija Malta*

# Għas-servizz tiegħek

Radju Marija Malta għandu għal qalbu s-semmiegħa u dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jixtiequ jagħmlu kuntatt miegħu. Ir-Radju joffri servizz ta' reception desk magħmul mill-ħaddiema ddedikati u volontiera b'qalb kbira li ta' kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm u s-Sibt mid-9.00am sal-12.00pm jilqgħuk fl-istazzjon kemm fiżikament kif ukoll permezz tat-telefon.

Dan it-tim lest biex jagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-iskeda u l-ħidma tar-Radju, jilqgħa d-donazzjonijiet, jgħinnek takkwista materjal reliġjuż li jinbiegħ mir-reception desk, kif ukoll jagħti servizzi oħra, bħall-booking tal-avviżi ta' mewt li jiġu mxandra skond l-iskeda. Aħna dejjem lesti li nilqgħuk u ngħinuk issir taf iżjed fuq Radju Marija u l-missjoni tiegħu sabiex inti tingħaqad ma' din il-familja u taqsam magħha il-ferħ ta' ħajja spiritwali sabiħa fuq l-eżempju ta' Marija omm Ġesù.



# Il-Konsagrazzjoni lil San Ġużepp




Il-ktieb tant mistenni, **Il-Konsagrazzjoni lil San Ġużepp**, jinsab fil-bookshop ta' Radju Marija. Ktieb meravilja. Taqsira tal-istudju sħiħ dwar San Ġużepp. Jinqara u jintlaħaq minn kulħadd. Fr.Donald Calloway, idur fuq it-tradizzjoni twila ta' devozzjoni lil San Ġużepp u jistedinna nikkonsagraw lilna nfusna lilu, qaddis xempju ta' safa' u ta' virtu'. Tista' żżur il-book shop ta' Radju Marija u tikseb dan il-ktieb għall-prezz ta' €20 jew €22 jekk jintbagħat bil-posta lokali, b'cheque jew money order pagabbli lil Radju Marija.

Tistgħu ssibu dan il-ktieb ukoll mingħand Preca Library, Triq San Ġorġ Preca, il-Marsa, mill-Catholic Book Centre Misraħ de Paul, Raħal Ġdid u mingħand Papel Stationer, Triq is-Salvatur, il-Qrendi. Il-ktieb, il-Konsagrazzjoni lil San Ġużepp, huwa rigal mhux biss mill-awtur innifsu, iżda mill-Mulej Alla sabiex jgħinna naqdfu fil-kriżi li għaddejjin minnha u sabiex jurina t-triq għall-ġenna.

## GĦANDEK INTENZJONI SPEĊJALI GĦAT-TALB?

***Iktibha fuq il-formola hawn taħt u ibgħatha lil Radju Marija fl-envelop mehmuż.***

L-intenzjonijiet tat-talb jitqiegħdu quddiem l-altar fil-Kappella ta' Radju Marija fejn noffru quddiesa kull ġimgħa għall-intenzjonijiet tas-semmiegħa.

## FORMOLA GĦAT-TALB

# Impjegat tal-World Family ta' Radju Marija f'Malta

Fit-28 ta' Jannnar li għadda ġie Malta mill-Italja, Bernhard Mitterrutzner, impjegat tal-World Family ta' Radju Marija, inkarigat mill-editorjal. Huwa ġie sabiex jiltaqa' mal-impjegati kollha, mal-prodjusers u mal-voluntiera fuq medda ta' ġurnata.

Dan sar bħala seminar ġewwa s-Seminarju tar-Rabat, u kien jitratta dwar il-Karizma ta' Radju Marija u kif kull min hu nvolut f'dan ix-xogħol sabiħ irid ikollu ġewwa qalbu l-ewwelnett l-imħabba lejn Ommna Marija, imbagħad is-sejħa li jwassal il-Messaġġ ta' Ġesu' Kristu, dejjem u kullimkien. Saħaq ħafna li kull min jgħin bi kwalunkwe mod huwa apprezzat u qed jaqdi missjoni kbira, anki jekk sempliċiment ikun kwiet jitlob fil-kappella.

Wara li f'nofsinhar kilna lkoll flimkien, għalaqna s-seminar b'quddiesa animata ġewwa l-kappella.

Din l-attivita' kienet opportunita' mistennija ħafna fejn qattajna ħin flimkien u sirna nafu aktar lil xulxin.

Nittamaw li fil-futur ikollna aktar avvenimenti bħal dawn.








RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# Skeda Programmi Rebbiegħa 2023
*( April -Mejju 2023)*

# RADJU MARIJA

## Skeda Programmi Rebbiegħa
## April - Ġunju 2023

| ĦIN | TNEJN | TLIETA | ERBGĦA | ĦAMIS | ĠIMGĦA | SIBT | ĦADD |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7.00am | Rużarju, Quddiesa u Anġelus | | | | | | 7.30: Jum il-Mulej |
| 8.05am | Kuntatt, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi | | | | | | (8.15am) Tifħir ta' Sbieħ il-Jum |
| 9.00am | Lectio Divina / Milli Qrajt / ikompli Kuntatt | | | | | | (8.40am) Vanġelu Ħaj |
| 9.30am | | Għalik kollox | | | | | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 10.00am | ikompli Kuntatt | Mid-Direttur | ikompli Kuntatt | | | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca | Quddiesa |
| 10.30am | | | | | | | |
| 11.00am | Confessio | Familja Ħajja fi Kristu | Ftit minn kollox | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja | L-Aħħar Qatra | Mid-Djarju tal-Papa (rpt) | Kireh u Bileh (rpt) |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju San Mikiel | Rużarju San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju San Mikiel | Rużarju San Mikiel |
| 1.00pm | Klassiċi u Sagri (rpt) | Mal-Melodija Maltija | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu | Magazine | Mal-Melodija Maltija (rpt) |
| 2.00pm | Jien hu l-Ħobż tal-Ħajja | Ġawhar Moħbija fil-Knisja Maltija | Qari - Flaġelli ta' żmienna | (2.10pm) Qari - Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika | (2.10pm) Qari - Santa Rita minn Cascia | | Ħadd Kumpanija |
| 2.30pm | | | Id-dehriet tal-Madonna...fl-istorja tal-Kristjaneżmu | | | | |
| 3.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30pm | Għat-tfal u għall-kbar | Ejjew għandi..u jien inserraħkom | Il-Miraklu ta' Radju Marija | MarijaTereża Nuzzo:Dawl għal ħajjitna | Tfal Missjunarji | Profili | Ħadd Kumpanija (ikompli) |
| 4.00pm | Fl-iskola ta' San Piju | Arise..Qum | L-Imgħallem hawn qiegħed isejjaħlek | Mid-Djarju tal-Papa | Kont marid u ġejtu żżuruni | Kireh u Bileh | |
| 5.00pm | Fil-klassi tad-Duttrina | Il-Qrar ifejjaq l-imrar | Għal ħajja aħjar | F'waqtu u barra minn waqtu | Dawl Franġiskan | Għandi lilek, għandi kollox | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati |
| 5.30pm | Lectio Divina / Milli Qrajt (rpt) | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | qiegħed isejjaħlek | | żżuruni | | |
| 5.00pm | Fil-klassi tad-Duttrina | Il-Qrar ifejjaq l-imrar | Għal ħajja aħjar | F'waqtu u barra minn waqtu | Dawl Franġiskan | Għandi lilek, għandi kollox | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati |
| 5.30pm | Lectio Divina / Milli Qrajt (rpt) | | | | | | |
| 6.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Quddiesa | | | | | | Tifħir u glorja |
| 7.10pm | Għasar | | | | | | |
| 7.25pm | Aħbarijiet minn Radju Vatikan | | | | | Nies li għamlu differenza | Qari Skrittura |
| 7.40pm | In-Novena | | | | | | |
| 8.00pm | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) | Tweġiba Kattolika | Ara Ommok | Mis-Swali tal-Kunċerti | Mill-istejjer ta' Ġesù | Vanġelu Ħaj | Magazine (rpt) |
| 9.00pm | Inbid Ġdid | | Għajn ta' Ġid | Qari - L-imħabba tal-Għerf Etern | Vuċi Missjunarja | Klassiċi u Sagri | |
| 9.30pm | | | | Id-dehriet tal-Madonna...fl-istorja tal-Kristjaneżmu (rpt) | | | |
| 10.00pm | Rużarju, Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi, Eżami tal-ġurnata u Kompieta | | | | | | |
| 11.00pm | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca (rpt) | Confessio (rpt) | Familja Ħajja fi Kristu (rpt) | Fanal għal riġlejja (sensiela ta' taħditiet) rpt | Mid-Direttur (rpt) | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja (rpt) | Jum il-Mulej (rpt) |
| 11.30pm | | | | | | | |
| | **TLIETA** | **ERBGĦA** | **ĦAMIS** | **ĠIMGĦA** | **SIBT** | **ĦADD** | **TNEJN** |
| 12.00am | Mis-Swali tal-Kunċerti (rpt) | Kont marid u ġejtu żżuruni (rpt) | Jien hu l-ħobż tal-Ħajja (rpt) | Fl-iskola ta' San Piju (rpt) | Għannu lil ismu (rpt) | L-Armonija fl-għanja Nisranija (rpt) | Tifkiriet ta' Nostalġija (rpt) |
| 1.00am | Dawl Franġiskan (rpt) | Qari Skrittura (rpt) | Fil-klassi tad-duttrina (rpt) | Qari - Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (rpt) | Għal ħajja aħjar (Taħdita minn Kuntatt) | F'waqtu u barra minn waqtu (rpt) | Profili (rpt) |
| 1.30am | Rużarju San Mikiel u Novena | Rużarju San Ġużepp u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena | Rużarju tad-Duluri u Novena | Rużarju San Mikiel u Novena | Rużarju San Mikiel u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena |
| 2.00am | L-Aħħar Qatra (rpt) | Għandi lilek, għandi kollox (rpt) | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) | Familja Ħajja fi Kristu (rpt) | Ġawhar Moħbija fil-Knisja Maltija (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) | Nibnu u ngħixu Kultura tal-Ħajja (rpt) |
| 3.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30am | Qari - Santa Rita minn Cascia (rpt) | Tifħir u glorja (rpt) | Il-Qrar ifejjaq l-imrar (rpt) | Qari - Flaġelli ta' żmienna (rpt) | Għalik kollox (rpt) | Ejjew għandi.. U jien inserraħkom (rpt) | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 4.00am | Rużarju | | | | | | |
| 4.30am | Magazine (rpt) | Mill-istejjer ta' Ġesù rpt) | Inbid Ġdid (rpt) | Ftit minn kollox (rpt) | Tweġiba Kattolika (rpt) | L-imgħallem hawn u qiegħed isejjaħlek (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) |
| 5.30am | | Fanal għal riġlejja (sensiela ta' taħditiet) | Arise..Qum (rpt) | Għajn ta' Ġid (rpt) | | Qari - L-imħabba tal-Għerf Etern (rpt) | Ara Ommok (rpt) |
| 6.00am | | | | | | M.Tereża Nuzzo:Dawl għal ħajjitna (rpt) | |
| 6.30am | Rużarju San Mikiel | Rużarju San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju San Mikiel | Rużarju San Mikiel | Rużarju tal-Erwieħ |

**Radju Marija jirriserva d-dritt li jbiddel xi programmi minn din l-iskeda fiż-żmien li tkun qiegħda tixxandar minħabba ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

# *Programmi Ġodda fuq l-iskeda tar-Rebbiegħa 2023*



## Ġawhar Moħbija fil-Knisja Maltija

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' David Rossi*

Fostna kienu jgħixu diversi persuni qrib tal-Mulej li ftit nafu dwarhom. Minn dawn hemm sorijiet tal-klawsura li għexu ħafna snin ilu u wkoll persuni oħra li kienu magħna sa ftit taż-żmien ilu. Il-programm jixtarr il-ħajja ta' dawn in-nies qaddisa u jħeġġiġna bħala semmiegħa sabiex nimitawhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum billi nħaddnu l-virtujiet li kienu preżenti fil-profond tagħhom. Narawhom mill-qrib u nitolbuhom sabiex jidħlu għalina.

## Santa Rita Minn Cascia

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Sr Theresa Camilleri*

Il-Programm ta' qari spiritwali f'din l-iskeda se jlaqqagħna mal-Qaddisa tal-Impossibli: li mhijiex ħlief Santa Rita minn Cascia li saret qaddisa għax għamlet dawk l-għażliet li rriflettew il-magħmudija u l-maturità tagħha bħala dixxiplu ta' Ġesù. L-għażla ewlenija tagħha tul il-ħajja kienet li tikkopera b'mod ġeneruż mal-grazzja ta' Alla, iżda kienu meħtieġa bosta għażliet żgħar biex dan iseħħ. Bil-ħafna għażliet żgħar u xi ftit kbar li għamlet din il-qaddisa, hija ġiet meqjusa bħala l-mara eżemplari ta' kull żmien, ilbieraħ – illum – għada: xempju ta' xebba, ta' mara miżżewġa, ta' omm, ta' armla u ta' reliġjuża.





## F'Waqtu U Barra Minn Waqtu

*Preżentazzjoni u produzzjoni ta' Joe Fenech*

Dan hu l-isem ta' din is-sensiela li Joe Fenech se jippreżenta f'din l-iskeda. Nistħajjel tistaqsi dan xi kliem hu? X'ifisser u minn fejn ġej? Dan hu kliem ispirat. Insibuh fit-Tieni Ittra, Kap 4 ta' San Pawl lill-isqof żagħżugħ Timotju. Iwissih u jgħidlu: 'Xandar il-Kelma, isħaq f'waqtu u barra minn waqtu...' Illum ukoll, ix-xandir tal-Kelma ta' Alla ħinu huwa dejjem u postu hu kullimkien u ma' kulħadd. Hekk se tagħmel din is-sensiela. Se xxandar il-Kelma u tisħaq f'waqtu u barra minn waqtu.







## L-Imħabba tal-Għerf Etern

*Produzzjoni u qari ta' Joe Micallef.*

F'din is-sensiela ser nisimgħu tagħrif dwar il-ħajja tal-qaddis Marjan San Lwiġi Marija de Montfort b'riferenza b'mod partikolari għall-ktejjeb tiegħu "L-Imħabba tal-Għerf Etern" kif ukoll se jinqara l-istess ktieb tul din is-sensiela ta' programmi. F'dan il-ktejjeb il-qaddis de Montfort jurina u jgħallimna li Alla l-Imbierek huwa l-veru għerf u l-unika għerf veru li jista' jippossedi l-bniedem. Insemmu wkoll l-effetti tal-għaġeb tal-Għerf Etern fl-erwieħ ta' dawk li jipposseduh. Naqraw ukoll dwar il-mezzi sabiex niksbu lil Alla l-Imbierek, l-Għerf li kien sa mill-eternità".

## Għat-Tfal u Għall-Kbar

*Produzzjoni ta' Missio Malta u preżentazzjoni ta' Claudia Cini u Nancy Camilleri.*



Żewġ programmi ta' nofs siegħa l-wieħed kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Ġimgħa fit-3:30pm. It-Tnejn: Leġġendi Maltin u Għawdxin, kemm dawk popolari kif ukoll dawk anqas popolari. Il-Ġimgħa: Tagħrif, kultura u tradizzjoni minn pajjiżi missjunarji, u diversi stejjer b'tagħlima li żgur jintgħoġbu mis-semmiegħa tagħna. Il mużika Maltija tiddomina tul iż-żewġ programmi.



## Flaġelli Ta' Żmienna

Produzzjoni u qari ta' Joe Micallef.

Joe Micallef se jaqra siltiet mill-ktieb ta' Mons Anton Gauci li jġib l-istess isem, dwar flaġelli u problemi li ħafna drabi jġib il-bniedem stess b'idejh għax jitbiegħed minn Alla - fosthom id-divorzju, iż-żwieg bejn persuni tal-istess sess, infedeltà fiż-żwieg, abbużi fuq minorenni, l-ewtanasja, id-droga, sataniżmu, korruzzjoni u tant suġġetti oħra. Dawn huma dnubiet li qed iwasslu ħafna għat-telfien, għax huma offiżi gravi lil Alla li jitolbu vendetta quddiem il-Maestà Divina t'Alla. Swor Luċija ta' Fatima fl-1958 qalet lil Padre Augustin Fuentes "Padre, kemm erwieħ jaqgħu fl-infern, jekk ma jsirx talb u penitenza. Din hija l-kawża tan-niket tal-Madonna."

## Familja Ħajja Fi Kristu

*Eċċellenza Tiegħu Monsijur Isqof George Frendo*



Illum iż-żwieġ qed iħabbat wiċċu ma' sfidi ġodda. Kiseb dinjitajiet ġodda, iżda wkoll żvantaġġi ġodda. Wasal iż-żmien li nirriflettu ftit fuq: Iż-żwieġ, bħala istituzzjoni, għad baqagħlu sens, meta hu legalizzat żwieġ bejn persuni tal-istess sess, meta ħafna koppji qed jgħixu flimkien mingħajr ebda rabta ta' żwieġ, meta l-fedeltà u l-permanenza taż-żwieg huwa taħt theddida serja, meta qed nisimgħu b'tant każijiet ta' vjolenza domestika, meta minkejja l-emanċipazzjoni tal-mara qed nisimgħu b'abbużi ġodda kontra l-mara? Ejjew nerġgħu niskopru l-ġmiel ta' Familja Ħajja Fi Kristu!

## Dawl għal Ħajjitna

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Sr. Mary Anne Sultana DSH u Sr. Catherine Seychell DSH*

Wara li rajna l-ħajja tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Marija Tereza Nuzzo, u propju fiċ-ċentinarju mill-mewt tagħha, f'din is-sensiela se nippreżentaw aspetti mill-Ispiritwalità li hi għexet u li għaddiet lill-oħrajn. F'dawn il-programmi naraw kif, Maria Tereza Nuzzo, tista' tkun ta' dawl għalina fil-ħajja spiritwali tagħna.



## Mill-Istejjer Ta' Ġesù

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Glen Mercieca flimkien mal-mistieden residenti Joe Farrugia.*

Jiġri spiss li silta mill-Iskrittura, li nkunu smajna tant drabi, ħabta u sabta tibda tkellimna u ddawwal sitwazzjoni li nkunu qed ngħixu. Imma l-ewwel irridu nkunu hemm, preżenti għall-appuntament ma' Kristu, il-Kelma. Programm ġdid ta' Radju Marija b'siltiet mill-Evanġelju fejn Ġesù jkellimna bl istejjer li jirrakkuntalna. L-istedina hija għalik ukoll.

## Id-Dehriet tal-Madonna f'diversi pajjiżi inkluż f'Malta, matul l-Istorja tal-Kristjaneżmu.

*Kitba u preżentazzjoni ta' Emmanuel u Lilian Cutajar*

Dawn id-dehriet ġew u għadhom qed jiġu ppubblikati fil-Malta Missjunarja bit-titlu ta' Il-Ħidma Evanġelika ta' Marija Santissima Bħala Missjunarja miktuba mill istess Emmanuel. Dawn id Dehriet, approvati kollha mill-Knisja Kattolika, qed jinqraw minn Lilian b'xi riflessjonijiet u talb Marjan matul l-istess programm.



## *Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ Direttiva ġdida fejn mill-1 ta' Jannar 2022, ma jistgħux jinħarġu jew jissarrfu ċekkijiet ta' €20 jew inqas*

***Għalhekk ċekkijiet ta' €20 jew inqas li jinħarġu f'isem Radju Marija MA JISTGĦUX jissarrfu u jkollhom jiġu KANĊELLATI.***

Infakkru li tistgħu tgħinu lil Radju Marija b'dawn il-mezzi:

Tista' żżurna f'Radju Marija bejn it-9:00am u l-5:00pm u tħalli d-donazzjoni tiegħek fir-reception f'numru 40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat.

**Tista' wkoll iċċempel minn linja fissa fuq:**
**5160 2046** għal donazzjoni ta' **€10**
**5170 2019** għal donazzjoni ta' **€15**
**5180 2047** għal donazzjoni ta' **€25**
**5190 2091** għal donazzjoni ta' **€50**

**Jew tibgħat SMS fuq:**
**5061 8063** għal donazzjoni ta' **€4.66**
**5061 9278** għal donazzjoni ta' **€11.65**

**Tista' tiddepożita donazzjoni fil-kontijiet li Radju Marija għandu f'dawn il-banek:**

- **APS BANK**
  **IBAN:** MT31 APSB 7705 7006 0638 2000 0834 148
  **A/C ACCOUNT NO:** 20000834 14-8

- **BANK OF VALLETTA**
  **IBAN:** MT09VALL2201 30000000 14609142012
  **A/C ACCOUNT NO:** 14609142012

- **HSBC**
  **IBAN:** MT05MMEB44587 000000058030875050
  **A/C ACCOUNT NO:** 058-030875-050

**Jekk tippreferi tista' tagħti donazzjoni billi tuża l-BOV Mobile to Mobile disponibbli fuq il-BOV app b'dan in-numru 7945 3107.**

***Infakkru li ċekkijiet ta' €20 jew inqas maħruġa f'isem Radju Marija MA JISTGĦUX JISSARRFU u jiġu KANĊELLATI.***

***Minn qalbna nirringrazzjawkom tal-appoġġ kontinwu tagħkom. Jalla l-Mulej u Ommna Marija jbierku lilkom u l-familji tagħkom għal mitt darba aktar.***

# Servizzi offruti minn Radju Marija

## Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru mit-Tnejn sal-Ġimgħa; fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel fil-ħinijiet tal-uffiċċju fuq 21453105 u jistaqsi għal Moira Bugeja.

Importanti li l-avviżi jkunu ttajpjati u jiġu ppreżentati fir-reception ta' Radju Marija bejn: it-Tnejn u l-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm. Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità tiegħu. Ma jistgħux jiġu aċċettati avviżi permezz tat-telefon jew b'sms.

## Avviżi komunitarji mxandra kuljum

Radju Marija jistieden lil dawk il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom li jkunu se jorganizzaw fuq Radju Marija biex jibagħtuhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma tkun ser isseħħ l-attività.

Dawn għandhom jintbagħtu b'email fuq: info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet avżati għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni Nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' fundraising fosthom bazaars. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

*fejn tista issib l-istudjos ta'*

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

**40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat**



**Indirizz Postali:** Radju Marija,
PO Box 19, Rabat RBT 1230
**Telefon uffiċċju:** 2145 3105
**Telefon live studio:** 2145 3106
**SMS studio:** 7979 1023
**Indirizz elettroniku:** info.mal@radiomaria.org
**Websajt:** www.radjumarija.org
**Facebook:** Radju Marija Malta

*VO/1584*